# Wied l-Eremiti – Storja Antika

Christian Attard M.A., B.A.(Hons.)

Kurraw, eremit fqajjar, jgħix bit-talb, bil-meditazzjoni u bi ftit li xejn aktar, kien għamel żmien jgħix ġewwa għar f'Wied il-Għasel. Hemmhekk, mnezza' minn kollox, forsi flimkien ma komunita' zgħira ta' eremiti oħrajn bħalu, fittex li jgħix ħajja ta' qdusija; anke biex ipatti xi ftit għaz-zogħzija dissoluta, xi minn daqqiet, ixxellerita, li kellu ġewwa Piacenza, fin-naħa ta' fuq ta' l-Italja. Iżda n-nies tal-madwar ma ħamluhx kwiet.



Dan Kurraw bdiet tgħorku għajnu mill-ħajja midinba li ħaddnu xi rgħajja Mostin jgħixu fil-qrib. Beda ta' kuljum jippriedkalhom u jgħallimhom kif għandhom iġibu ruħhom, sakemm dawn ma felħuhx aktar. Ġiehom pjan f'rashom, diaboliku għall-aħħar, bit-tama li jagħlqulu ħalqu darba għal dejjem. In-nasba kienet perfetta u Kurraw ma seta jagħmel xejn biex jiskansha. Ftiehemu li jibagħtu tfajla viċin l-għar fejn kien jgħammar bl-iskuża li din kellha xi ħwejjeġ x'taħsel f'għajn ta' l-ilma fil-qrib. Dit-tfajla, f'xi ħin, kellha twaqqa' xi ħwejjeġ u fil-ħin titlob 'l Kurraw għal ftit għajnuna. Jekk Kurraw joqgħod jaħsiba biex jgħinha, rgħajja moħbijin fil-qrib, kellhom joħorġu jgħajjruh li ma jafx x'inhi karita'. U jekk jgħinha kellu jaqlagħha xorta waħda għax l-istess nies kienu lesti li jixluh b'imġieba ħażina u żienja. M'għandniex xi ngħidu, Kurraw mar dritt biex jagħtiha daqqa t'id hekk kif sema' lit-tfajla tgħajjatlu. Iżda ma kinitx għajnuna li mar taha! Għax hekk kif resaq lejha rgħajja bdew ħerġin minn kullimkien, jgħajjruh u jwaddbulu l-ġebel. Kurraw, mifxul u mgħaddab, ġera fuq li ġera biex jeħles minn dak it-twegħir u umiljazzjoni. Hekk kif sab ruħu maqbud, fuq naħa l-folla titmasħan u fuq oħra l-baħar, Kurraw firex il-mant tiegħu fuq l-ilma, tela' fuqu daqs li kieku kien xi mrejkba u sparixxa. Il-folla baqgħet hemm, miblugħa. Issa kullħadd kien fehem li Kurraw kien qaddis. Qabdu l-għasluġ, li Kurraw, bil-fixla, kien ħalla fuq ix-xtajta, u għozzewh kemm felħu. Bnew kappella ckejkna, hemmhekk propju fejn kien jgħix Kurraw, u ddedikawha 'l San Pawl ta' Tebes, qaddis tar-raba' seklu li x'aktarx kien l-ewwel qaddis li għazel li jgħix, bħal Kurraw, ħajja ta' eremitaġġ.

Kurraw, hekk kif għab minn taħt għajnejn il-Mostin, għazel li jibqa sejjer il-Qala fejn hemmhekk kompla bil-ħajja axxetika tiegħu. Milli jidher mal-Qalin sab aktar xorti. U meta miet, dawn difnuh b'imħabba taħt il-Knisja tal-Kunċizzjoni, fejn il-qabar tiegħu għad għandu, sa llum, seħer fuq l-Għawdxin. Bi ħrara u tama liema bħala, Kurraw jiġi mitlub kull forma ta' għajnuna u nterċessjoni fi żminijiet ta' niket u għawġ.

Minn hawn l-istorja titħawwad xi ftit għax minbarra l-qabar ta' Kurraw ġewwa l-Qala, hemm qabar ieħor f'Noto, ġewwa Sqallija, magħruf bħala dak ta' San Corrado. Dan Corrado jgawdi kult qawwi mal-Isqallin ta' din il-belt u ta' oħrajn fil-vicin u jiġi mitlub li jintervjeni kontra kull forma ta' għelt, speċjalment, għax għalhekk l-aktar li hu magħruf, kontra xi attakk tal-ernja. Jista jkun li Kurraw ta' Wied il-Għasel u Corrado ta' Noto huma l-istess persuna. Leġġendi antiki Sqallin dwar dan il-qaddis, uħud minnhom kkuluriti għall-aħħar, jirrakkuntaw kif dan Corrado kien wasal Sqallija minn Malta mingħajr lanqas biss xarrab riġlejh. Ovvjament, jekk wieħed hu lest li jaċċetta l-possibilita' li Kurraw u Corrado huma, filfatt, l-istess persuna, irid ta' bilfors jaċċetta wkoll li wieħed mill-lokalitajiet fejn suppost hu midfun dan il-qaddis ma jħaddan xejn ġo fih għajr il-fdalijiet ta' xi ħadd ieħor, forsi xi eremit ieħor ta' ħajja eżemplari, iżda żgur mhux Kurraw.

Wied il-Għasel, anke jekk stuprat minn progress ta' ftit ħniena, għadu jħaddan sbuħitu u l-kappella ta' San Pawl, mgeddsa, qisha f'nieqa, ġo għar naturali, issaħħrek. Hija kappella li tmur lura għas-seklu sbatax. Il-madwar, izda, jidher li kien igawdi minn ċertu awra ta' qdusija minn żminijiet ħafna aktar bikrin. Bħalma jiġri ħafna drabi, il-leġġenda ta' Kurraw, anke' jekk xi minn daqqiet fantastika, tista' tostor ġo fiha ħafna veritajiet. Bħal, ngħidu aħna, il-possibilita' li, ġewwa l-wied, veru kien hemm komunita' ta' rhieb eremiti jgħixu fl-għerien. Ma tkun xejn ta' sorpriza. Madwar Malta hawn diversi lokalitajiet li jidhru li, xi darba, kienu jospitaw xi komunita' ta' eremiti. Ħafna drabi huma postijiet 'l bogħod mill-qalba tal-ibliet u l-irħula, prekarji biex tasal għalihom u mizgħudin għerien. F'dawn il-postijiet, midfunin f'ġuf l-art, irhieb fittxew li jgħixu ħajja spiritwali u pastorali; li jwasslu l-vanġelu lill-poplu ta' ftit jew xejn edukazzjoni li kien jgħix fl-inħawi. Probabbilment kienu komunitajiet ta' rhieb iggwidati mir-regola monastika ta' San Bażilju l-Kbir u r-rit li ħaddnu, allura, kien wieħed Grieg iktar milli Latin. Bħalma għamlu l-komunitajiet ta' rhieb ġewwa Kapadocja, li għexu ħajja monastika f'għerien naturali, l-eremiti ta' Malta wkoll fittxew postijiet taħt l-art, mwaħħdin ma l-art, qishom oqbra, għax, skond twemminhom, bil-mewt biss wieħed seta' jaspira għas-salvazzjoni u r-reżuruzzjoni.



*Il-kappella ta' San Pawl l-Eremit gewwa Wied il-Għasel li mbniet matul is-seklu sbatax izda b'xi addizzjonijiet u tibdiliet li saru matul is-sekli dsatax u għoxrin*

Fil-kwadru titulari tal-kappella tal-għar, bilqiegħeda u mitlufin fit-talb, hemm San Pawl ta' Tebes (miet 345 W.K.) u San Anton Abbati (251-356 W.K.); zewġ eremiti u qaddisin kbar tal-knisja Orjentali. Il-kult antik tagħhom fil-Mosta għandu jsaħħaħ il-possibilita' li, xi darba, ġewwa Wied il-Għasel, kien hemm monasteru ta' eremiti. Il-kwadru, li illum jinsab fis-sagrestija tar-Rotunda, jidher li seta' sar lejn il-bidu tas-seklu tmintax, għallkemm kwadri bħal dan, mnezzgħin minn kull sofistikazzjoni akkademika u 'l hinn mill-lingwaġġ artistiku popolari ta' zmienhom, huma difficli li jitpoġġew f'xi żmien b'ċertu eżattezza. Fiż-żgur hu li dan hu xogħol ta' xi artiġġjan, forsi Malti, li mingħajr ebda prużunzjoni artistika, fittex li jaqla' ħobżu billi pitter kwadri umli iżda ta' ħafna devozzjoni. Fil-Mosta, il-kult lejn dawn iz-zewġ qaddisin huwa eqdem mill-kwadru. L-istorku Gian Franġisk Abela, lejn l-1647, jirrakkonta li, mpittrin ma' xi ħajt fil-kappella, ġa kien hemm xbiehat ta' dawn iż-żewġ qaddisin. U tagħmel sens li l-Mostin għazlu 'l dawn it-tnejn biex iġeddu l-memorja ta' Kurraw u tal-komunita' bikrija ta' l-eremiti tal-Wied. Kemm San Pawl kif wkoll San Anton fittxew l-ispirtu u l-qdusija 'l bogħod mis-sofistikazzjoni tal-ibliet. F'iżolament, wieħed fl-għerien ġod-deżert ta' Tebes u l-ieħor fid-deżert 'l hinn minn Lixandra, stabbilixxew jew saħħew tip ta' monastiċiżmu xi ftit jew wisq estrem.

L-istorja rrakontata fil-kwadru – il-laqgħa bejn dawn iż-żewġ qaddisin eremiti – hija waħda maġika u fantastika. San Anton kien tħajjar imur iżur lil San Pawl li issa kellu madwar mija u tlettax-il sena. It-triq kienet twila u mwegħra u ma kinitx darba jew tnejn li San Anton sab ruħu mfixkel jew mitluf. Fost il-ħafna kreaturi u entitajiet li ltaqa' magħhom waqt dan il-vjaġġ/pellegrinaġġ kien hemm saħansitra raġel xiħ għakka bi qrejjen zgħar fuq rasu magħruf bhala Satir – kreatura li fil-mitolġija Griega hija assocjata mas-sess u l-fertilita'. Iltaqa' wkoll ma' Ċentawru – kreatura oħra mitoloġika li kienet taħlita mprobabbli bejn bniedem u żiemel. Meta fl-aħħar, wara battikata sħiħa, iż-żewġ qaddisin iltaqgħu u għanqu 'l xulxin, għallinqas skond ma tgħid l-istorja, ċawla niżlet mis-smewwiet u wasslitilhom f'munqarha ftit ħobż biex jitrejjqu. Kienet



dik l-istess ċawla li għal għexieren ta' snin kienet ħadet ħsieb titmà lil Pawlu. Iż-żewġ qaddisin għamlu preċiżament ġurnata u lejl jiddiskutu. U hekk huma mpittrin; bilqegħda fuq xi blat fil-bokka tal-għar. Fuq naħa hemm San Pawl, xiħ u b'daqna twila, b'idejh marbutin fuq sidru, u fuq l-ohra hemm San Anton, xi ftit izgħar fl-eta', bl-għasluġ u l-kuruna tar-rużarju. Is-soltu, f'rappreżentazzjonijiet mpittrin ta' dan il-qaddis, nsibu wkoll ħnejzer u qanpiena zgħira li b'mod jispjegaw il-ħajja ta' tallab li huwa għex, u li bħalu għamlu l-membri ta' l-ordni ospitaljera li twaqqfet (sekli sħaħ wara) f'ismu. L-artist tal-kwadru tal-Wied għażel, madankollu, li ma jpitter xejn minn dan u minflok iddeċieda li jurina borża ckejkna marbuta madwar qadd San Anton. Forsi, jridna nifhmu, li f'din id-daqxejn ta' borża l-qaddis kien jerfa' l-ftit flus li kien jiddobba mingħand xi erwieħ twajba. Iċ-ċawla wkoll qegħda hemm, bl-ikel f'munqarha. Bejn iż-żewġ qaddisin, fuq blata, hemm ktieb miftuħ u mixħut fuqu, anke biex iżomm il-paġna, hemm *pince-nez* jew nuċċali li x'aktarx San Pawl, f'dik l-eta' venerabbli, kellu bżonn biex jgħinu jaqra t-tipa ċkejkna. L-ambjent li fih jinsabu hu wieħed diffiċli u xi ftit ostili imma żgur denju ta' eremitaġġ. Mhux xi ħaġa kbira li, aktar mid-deżert Eġizzjan li fih, skond it-tradizzjoni, seħħet din il-ġrajja, l-artist aktar kellu f'moħħu l-blat, l-għerien, is-siġar u l-ilma fiddien li jaqa' f'Wied il-Għasel.


<u>*Għal aktar tagħrif fittex dawn il-kotba u artikli*</u>:

- G. F. Abela, **Della Descrittione di Malta**, Malta 1647 (Midsea facsimile edition, 1984)
- M. Buhagiar, **The Late Medieval Art and Architecture of the Maltese Islands**, Malta 2006
- M. Buhagiar, **The Church of St. Paul the Hermit**, Heritage Magazine Numru 8, 1977
- D. H. Farmer, **Oxford Dictionary of Saints**, Oxford University Press, (ippublikat għall-ewwel darba fl-1978)
- J. Hall, **Dictionary of Subjects and Symbols in Art,** Icon Editions 1974
- S.M. Haslan, J. Borg, **The River Valleys of the Maltese Islands – Environment and Human Impact**, Malta 1998
- Kilin, **A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo**, Malta 2000
- E.B. Vella, **Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha,** Malta 1930





**L-Għonnella**

***Souvenirs Shop***

Xogħol ta' Bizzilla u Ganutelle
Lezzjonijet ta' bizzilla
u Gnutelle

Bozoz - Frames - Vażuni
Materjal

***Naċċetta ordnijiet għall-***
***Headresses u Bukketti tal-Praċett***

Rose Marie Falzon
35, Bridge Street, Mosta
Tel: 2141 1207 - 2141 1828